# FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 7 ta' Frar, 2017**

**Talba Nru: 182/2016PA**

**GO p.l.c.**

**vs**

**Camilleri George**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fit-18 ta' Mejju 2016 li permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' ħames mija u sittin Ewro, sebgħa u tmenin ċenteżmu (€560.87ċ) bilanċ tal-prezz ta' servizzi ta' televiżjoni, bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali 49/16, u bl-imgħaxijiet legali mit-12 ta' Jannar 2016, data tal-istess ittra uffiċjali.

Ra d-dokumenti annessi mal-Avviż tat-Talba, senjatament (i) rendikont tal-ħlasijiet fil-kont tal-konvenut (Dok.'A', fol.2) minn fejn jirriżulta dovut il-bilanċ mitlub b'din il-kawża; (ii) il-ftehim iffirmat bejn is-soċjeta' attriċi u l-konvent li permezz tiegħu dan inkarigaha tipprovdilu s-servizzi u obbliga ruħu li jħallas għalihom (Dok.'B', fol.3); (iii) estratt mir-Reġistru Elettorali li juri l-indirizz reġistrat tal-konvenut (Dok.'C', fol.4); (iv) kopja ta' ittra uffiċjali eżekuttiva preżentata fit-12 ta' Jannar 2016 kontra l-konvenut (Dok.'D', fol.5), liema ittra baqgħet mhix notifikata lill-konvenut; u (v) affidavit ta' Charmaine Wiffen li bih, fis-17 ta' Mejju 2016, iddikjarat bil-ġurament li l-konvenut kien

fadallu jaġġti lis-soċjeta' attriċi s-somma mitluba b'dina l-kawża għal servizzi provduti lilu.

Ra li l-konvenut, debitament notifikat bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ, baqa' ma ppreżentax risposta, u lanqas deher biex jikkontesta l-kawża.

Ra x-xiehda ta' Melanie Pace, *Credit Control Officer* tas-soċjeta' attriċi, li ddikjarat li l-konvenut fadallu jagħti lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' sitt mija, sitta u għoxrin Ewro u żewġ ċentezmi (€626.02ċ) bilanċ ta' prezz għal servizz ta' televiżjoni provdut lilu.

Wara li qies il-provi kollha prodotti mis-soċjeta' attriċi, fil-kontumaċja tal-konvenut (meqjusa mill-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna bħala stat ta' kontestazzjoni għat-talba attriċi), it-Tribunal jinsab moralment konvint li t-talba tagħha tinsab sufficjentement pruvata.

Kwantu għall-imgħax, billi l-obbligazzjoni mertu tal-kawża hija waħda ċivili, l-imgħax fuq l-ammont dovut għandu jitqies li beda jgħaddi favur is-soċjeta' attriċi mid-data tas-sejħa tagħha lill-konvenut biex iħallas permezz tal-ittra uffiċjali eżekuttiva tat-12 ta' Jannar 2016, kif stipulat fl-**art. 1141(2)** tal-**Kodiċi Ċivili**.

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi jilqa' t-talba tas-soċjeta' attriċi, u jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' ħames mija u sittin Ewro, sebgħa u tmenin ċenteżmu (€560.87ċ), bl-imgħax legali mit-12 ta' Jannar 2016 sad-data tal-ħlas effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża u tal-ittra uffiċjali eżekuttiva tat-12 ta' Jannar 2016 jibqgħu a karigu tal-konvenut.

**Avukat, Phyllis Aquilina LL.D.**

**ĠUDIKATUR**